32001D0935

29.12.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 345/80

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Diċembru 2001

## fuq l-iffirmar, f'isem il-Komunità, u applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim f'forma ta' Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan fuq arranġamenti transizzjonali fil-qasam ta' aċċess għas-suq għall-prodotti ta' ħwejjeġ u tessuti

(2001/935/KE)

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim bilaterali f'forma ta' Memorandum ta' Ftehim fuq negozju ta' prodotti tessili mal-Pakistan.

(2) Il-Ftehim f'forma ta' Memorandum ta' Ftehim ġie inizjalat fil-15 ta' Ottubru 2001.

(3) Il-Ftehim f'forma ta' Memorandum ta' Ftehim għandu jiġi iffirmat f'isem il-Komunità.

(4) Sabiex iħalli il-benefiċji tiegħu jiżdiedu għaż-żewġ partijiet immedjatament wara in-notifikazzjonijiet relevanti li ġejjin għal World Trade Organisation, huwa xieraq li dan il-Ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Diċembru 2001 li jissospiża il-kompletar tal-proċeduri relevanti għall-konklużjoni formali tiegħu, suġġetti għar-reċiproċità,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jinnomina il-persuni li għandhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'forma ta' Memorandum bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan fuq arranġamenti transizzjonali fil-qasam ta' aċċess għas-suq għall-prodotti ta' ħwejjeġ u tessuti f'isem il-Komunità suġġetta għall-konklużjoni tagħha.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Suġġett għar-reċiproċità, il-Ftehim f'forma ta' Memorandum ta' Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Diċembru 2001 li jissospiża il-kompletar tal-proċeduri għall-konklużjonijiet formali tiegħu.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni għandha tapplika mill-ġdid il-livelli tal-kwota ta' dawk li diġa kienu applikabbli fl-avveniment tal-falliment minn naħa tal-Pakistan sabiex iżomm l-obligazzjonijiet trattati minn punti 2 u 4 tal-Memorandum ta' Ftehim skond il-proċedura irreferuta fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċertu prodotti tessili minn pajjiżi terzi ([1]).

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2001.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

A. NEYTS-UYTTEBROECK

([1]) ĠU L 275, tat-8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1809/2001 (ĠU L 252, ta' l-20.9.2001, p. 1).